**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta Novembru, 2015

Rikors Nru : 312/15 AL

**AB**
**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti konjugi Cassar ikkontrattaw iz-zwieg fil-31 ta' Mejju tas-sena 1990 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla Yoka Cassar illi twieldet fis-6 ta' Novembru 1990 u li ghalhekk illum ghandha hamsa u ghoxrin sena;
2. Illi l-imsemmija konjugi Cassar infirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri fl-24 ta' April 2012 (Dok. A);
3. Illi ai termini tal-istess kuntratt ta' separazzjoni l-esponent iddikjara illi huwa kien qieghed jirrinunzja ghad-dritt tieghu illi jitlob u/jew jircievi manteniment minghand il-mara filwaqt illi obbliga ruhu illi jhallas manteniment fl-ammont ta' €220 fix-xahar lill-mara sakemm hija tibda tahdem u jkollha introjtu (vide Artikolu 4 u 5 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni). Illi

huwa dejjem hallas puntwalment il-manteniment dovut minnu lill-martu;

4. Illi l-esponent jirrileva illi t-tifla tal-kontendenti Yoka Cassar kienet diga' maggoreni u kienet diga tahdem meta gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni;
5. Illi ai termini tal-Artikolu 7 tal-istess kuntratt jirrizuta illi wara z-zwieg huma bdew jghixu fir-residenza tal-genituri tal-intimata flimkien mal-genituri taghha u l-esponent iddikjara in oltre illi huwa kien ivvaka l-istess proprjeta' ghaxar snin qabel ossija fis-sena 2002 meta kienu bdew jaggravaw il-problemi matrimonjali. Illi ghalhekk jirrizulta illi l-konjugi Cassar kienu ilhom mis-sena 2002 separati *de facto* sakemm eventwalment isseparaw legalment fis-sena 2012;
6. Illi l-esponent jiddikjara illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u qieghed jipprezenta affidavit tieghu (Dok B);
7. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex a tenur tad-dispozizzjonjiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, previa s-smigh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex jigi stabilit illi jezistu dawk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C;

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata minnha bil-gurament taghha, li permezz taghha ippremettiet :

1. Illi l-esponenti ma hijiex qeghda toggezzjona ghat-talba rikorrenti u taqbel illi l-partijiet ilhom iktar minn erba' (4) snin separati, ma hemmx possibilita ta' rikonciljazzjoni u li l-manteniment kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni fl-ammont ta' €220 fix-xahar dovuti lilha personalment dejjem thallsu;
2. Illi l-esponenti qed taghzel li tirriverti ghal kunjomha xebba Bugeja;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Awissu, 2015;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi fl-ewwel lok il-Qorti rat illi l-intimata talbet sabiex tkun awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' K u il-Qorti qeghda tawtorizzaha biex tirriverti ghal kunjom xbubitha;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' April 2012, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Bugeja, qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.